MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 243/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Spiteri)**
**(Spt. M. Sammut)**
**Vs**
**John Pullicino**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 t'April, 2009 u fix-xhur ta' qabel, gewwa l-fond 64 "Villa Louisiana", Triq Antonio Schembri, San Gwann, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-Awtorita' tieghu nnifsu jew fixkel lil Louis Camilleri fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2009, li biha, sabet

lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta w ikkundannatu ghall-multa ta’ elf, mija w sittin Euro w sebgha w erbghin centezmu (€1160.47).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti, filli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll ir-rizultanzi fattwali qatt ma setghu jwasslu ghal sejbien ta’ htija fir-reat ta’ ragion fattasi.

Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tal-15 t’ Ottubru, 2009;

Rat id-Digriet li bih awtorizzat l-esebizzjoni minn Louis Camilleri ta’ serje ta’ ritratti mehuda mill-parte civile li juru l-hajt u hadid li jifred iz-zewg proprjetajiet u l-mod kif inqatghu il-creepers li jitilghu minn-naha tal-gnien tal-parte civile, b’ dana li gie dikjarat li l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-kummenti li hemm miktubin taht ir-ritratti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Il-provi li nstemghu quddiem din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**LOUIS CAMILLERI** xehed li kien ilu joqghod go Villa Louisiana f’ Antonio Schembri Street, Kappara ghal dawn

l-ahhar tnejn u ghoxrin sena. Id-dar ta’ magembu kienet proprjeta’ ta’ certu Monsinjur li, meta miet, wirtitu l-perpetwa tieghu Rita Borg, li mietet fl-14 ta’ Gunju. Din kienet dahhlet lil xi hadd biex jiehu hsiebha w dan beda’ jaqta’ l-*creepers* li x-xhud kellu fuq il-hajt divizorju imxebilka mal-hadid li hemm fuq l-istess hajt. Qata’ l-*ivy* u *stephanotis* li kienet tixxeblek tlitt sulari ma sigra tal-lewz morr u tixxeblek mal-gallarija tal-kamra tat-tifla tieghu w li kien juza bhala *windbreaker*. Din ma kienetx taqbez ghan-naha tal-villa ta’ magembu pero’. Hu kien ra lill-appellat jaqta fid-9 t’ April, 2009 u kien ilu jaqta minn Mejju, 2008. Minn flok qata’ vertikali minn-naha tieghu l-appellant kien qata’ orizzontalment u tefghalu kollox ghal isfel. Kien idahhal idejh anki fil-parti tal-gnien tax-xhud. Invece, meta l-appellant kien zabar il-*creeper* tieghu li taghti ghal fuq it-triq, ma kienx ghamel hekk u zabarha pulit. Kien hemm sentenza tal-Magistrat Meli pero’ b’ dana kollu xorta wahda baqa’ ghaddej anki wara d-9 t’ April, 2009.

Hu kien ipprova jirranga l-kwistjoni billi kellem lil Dun Gorg Grima imma meta sar jaf b’ dan l-appellant, dan mar jaghmel ghalieh, jghajjru w kwazi qala’ l-*gate*. Hu kien baghat ittri lil Rita Borg bl-Avukat. Meta baghatlu ittra l-Avukat Rossignaud, l-appellant kien ghamel din l-ittra ballun u tefaghhielu fid-*drive in.* Il-*ferro battuto* li hemm fuq il-hajt divizorju hu kien sabu hemm ghax kien xtara l-post lest u ma bniehx hu w diga’ kien hemm *creepers* imxebilka mieghu.

In kontro-ezami, x-xhud qal li fid-9 t’ April, 2009, graw hafna affarijiet u l-appellant kien kisser dak kollu li kien qed jikber inkluzi *“new shoots”.* L-appellant kien prezenti dak in-nhar. Rita Borg kienet giet akkuzata wkoll b’ dan l-agir.

**L-APPELLANT** xehed li r-ritratti esebiti mix-xhud Camilleri kienu ttiehdu meta l-haxix kien ilu niexef u mhux dak il-hin. Huma ma kienux qatghu min-naha ta’ Camilleri . Il-hadid hu taghhom. Dak jaqa’ bil-fors. Iz-zokk l-ohxon li jidher fir-ritratti esebiti nizel ‘l isefel bil-piz tieghu stess. Hu dejjem kien qata’ l-haxix minn-naha ta’ Rita Borg. Il-hadid li hemm fuq il-hajt divizorju huwa taghhom. L-imqass kien

ikun f' idejn il-gardinar . Hu kien ikun hemm pero' w kienu jaqtghu ghax tghidilhom Rita Borg. Hu qatt ma waqqfu lil-gardinar milli jaqta' ghax tan-naha taghhom kien qed jaqta haxix. Rita Borg kienet tkun hemm ukoll. Il-haxix li kien gej minn-naha ta' Camilleri kien qed jaghmel hsara fil-proprjeta' ta' Rita Borg .

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant instab hati tar-reat ta' *"ragion fattasi"* jew dak li jissejjah *"the exercise of a pretended right"*. Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

*"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (1958 edit.), Parti Speciali - Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' l-appell kriminali fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. "** (Qorti Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.

Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-**CARRARA** (Prog. Parte Speciale, Vol.5, para. 2850 :-

*"L' atto esterno deve privare l' altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Ikkonsidrat;

Issa fil-kaz in ezami, rrizulta li kien hemm diversi *creepers* li kienu tielghin mal-hajt divizorju fuq in-naha tal-gnien tal-*parte civile* Camilleri w dawn kienu imxebilka mal-*fence* jew *railing* tal-*ferro battuto* li kien hemm fuq in-nofs tal-hajt divizorju. Mhux kontestat li dawn inqatghu mill-gnien l-iehor li kien proprjeta' ta' Rita Borg. Irrizulta li l-appellant kien beda jiehu hsieb lil din Borg minn xi tlitt snin 'l hawn u wara beda l-inkwiet fuq dawn il-*creepers*. Ghalkemm l-appellant donnu jrid jaghti x' jifhem li hu kien biss speci ta' spettatur fil-qtugh ta' dawn il-*creepers* ordnat minn Rita Borg u esegwit mill-gardinar u li ghalhekk mhux responsabbli, l-provi juru xort ' ohra. Di fatti apparti li Louis Camilleri xehed li fid-9 t' April, 2009, kien ra lill-appellant jaqta', hemm ukoll iz-zewg ritratti esebiti quddiem l-ewwel Qorti li juru lill-appellant jaghmel dan (Fol. 8).

Ghalhekk din il-Qorti hi pjenament sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li l-appellant kien responsabbli ghall-qtugh sija bhala awtur u okkorrendo ukoll bhala komplici jekk ordna u/jew sahhah ir-rieda tal-gardinar biex jaghmel dan il-qtugh.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 438 (1) tal-Kodici Civili (Kap.16) jiddisponi li:-

"Dak li fuq il-fond tieghu jixxabbtu frieghi tas-sigar tal-gar, **jista' jgieghel lill-gar jaqtaghhom,** u jista' jiehu l-frott li jiddendel minnhom."

u s-subartikolu (2) jghid li:-

"Barra minn dan, jekk **l-eghruq** jibqghu dehlin fil-fond tieghu, jista' jaqtaghhom huwa stess."

Inoltre, l-artikolu 437 li jistabilixxi d-distanzi li jridu jinzammu fit-thawwil ta' sigar mil-linja li taqsam fond minn fond tal-gar jiddisponi li l-gar **jista' jitlob** li s-sigar imhawwlin f' boghod anqas jew li jkunu qed jaghmlu hsara, **jigu maqlugha bi spejjez tas-sid**.

Minn dawn iz-zewg dispozizzjonijiet johrog car li biex jinqalghu sigar trid issir talba lill-Qorti u mhux li dak li jkun jiehu l-ligi b' idejh u jaqla' s-sigar tal-gar li jkunu imhawwla f'inqas mid-distanzi legali iffissati fl-artikiolu 437. Fejn umbaghad si tratta ta' frieghi li jixxabtu ghal fuq il-proprjeta' tal-gar, il-gar jista' jgieghel lil sid is-sigar ta' dawk il-frieghi lil jaqtaghhom imma ma ghandux id-dritt li jaqtaghhom hu stess. L-unika eccezzjoni fejn wiehed jista' jagixxi hu, hi meta jkunu dahlu **eghruq** fil-fond tieghu. Hawn biss jista' jaqtaghhom hu stess bla kunsens tal-gar jew awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Jidher ghalhekk car li l-pozizzjoni legali mil-lat civili kienet li l-appellat ma setax jaqta' hu l-frieghi tal-*creepers* li kienu jaqbzu ghal fuq il-gnien ta' Rita Borg, imma ried - fl-assenza ta' kunsens ta' Louis Camilleri - jipprocedi *"ope magisterium"* u jitlob kundanna mill-Qorti Civili kompetenti f' dan is-sens. Ma setax jaghmel kif ghamel u jiehu l-ligi b' idejh u jaqta' jew jordna lil min jaqta' jew inkella isahhah il-volonta' ta' min qata' bil-prezenza tieghu hemmhekk bhala l-persuna li kienet tiehu hsieb Rita Borg u l-proprjeta' taghha.

F’ dan il-kaz jidher car ukoll li, biex sar dan il-qtugh jew zbir, inqatghu zkuk li sahansitra kienu fil-proprjeta’ tal-parte civile.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat ta’ *ragion fattasi,* ghax l-appellant bil-kredenza li kellu dritt jaqta’ l-*creepers* (ghax dawn kienu jixxebilku mal-hadid ta’ Rita Borg) , ha l-ligi b’ idejh u ghamel dak li seta’ jaghmel biss tramite l-process legali, u dan meta kien altru mill-evidenti ghalih li dak li kien qed jaghmel kien imur kontra l-oppozizzjoni espressa ta’ Louis Camilleri.

Ghalhekk l-appell huwa nfondat u qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------